MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 534/2010

**Lighthouse Communications Ltd.**

**vs**

**DNA Import Limited**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Dicembru 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallashom is-somma t'erbat elef hamsa w ghoxrin Ewro w tmienja w hamsin centezmu (€4,025.58) rapprezentanti prezz ta' servizzi moghtija lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx (ara l-prospett anness u immarkat bhala Dok A u Dok B).

Minkejja li giet interpellata thallas, inkluz permezz t'ittra bonarja datata 26 ta' Novembru 2010 (Dok C) is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u l-ittra bonarja datata 26 ta' Novembru 2010 u bl-imghaxijiet bl-oghla rata jew rati permessi mil-ligi, fuq is-somma mitluba dekorribli mid-data tal-fatturi relattivi ndikati fuq il-prospetti annessi sal-gurnata tal-hlas effettiv. Is-socjeta' konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal John Micallef ta' nhar il-5 ta' April 2011, a fol. 14 tergo tal-process, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali w fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta.

Illi s-socjeta' konvenuti giet notifikata b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-gazetta tal-Gvern nhar it-8 ta' April 2011 (fol. 16) u fil-gazetta lokali The Malta Independent datata 14 ta' Mejju 2011 (fol. 20).

Illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2011 is-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2011 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talbaa attrici w lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma t'erbat elef u hamsa u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centesmu (€4,025.58) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------